~~wa minn żewġ naħat. Min ifiq irid ikun għamel xi ħaġa tal-ġid f'għomru, jew tal-anqas, bi ħsiebu jagħmel għalli ġej, biex il-ħniena t'Alla jkollha fuq iex taqbad. Din qatt ma għamlet ġid f-għomorha, għax fuq wiċċha ma hemmx egħliem, u anqas ma bi ħsieb ha tagħmel. Hekk, għamja kif inhi, ma tagħmelx ħsara, għax ma tistax. Jekk tfiq, tarġa' tagħmel. Mela ma jaqbilx tfiq!''~~

~~"Ah, iwa!'' qalet Mirjam. "Sewwa, sewwa! Qegħda nifhmek tajjeb. Le, taş-sew, ma jaqbilx!''~~

~~Dak il-ħin kienu waslu quddiem il-ħajt baxx tal-għalqa tagħhom. Jesugħ tbaxxa u bla kliem, bies id ommu, kif kienet imdendla ma' ġenbha. Qabeż il-ħajt tal-għalqa bil-bieqja tal-imsiemer f'idu u l-lanġasiet u baqa' sejjer fejn kien jaħdem Jusef.~~

~~Ġuża.~~

# NAQRA TA' MUŻEW

*(Jorbot mal-ħarġa ta' qabel, faċċata 51)*

Il-ħaġa l-oħra, għedt lį hi bħal sfinġa tal-ħaġar. Il-ħaqq hu li ma nafx infisser sew kif inhija. Hi bħal għoqda tal-ħaġar, tixbah lil patata mdaqqsa, mkemmxa, jew xi għanqud għeneb żgħir, marsus. Hija tal-qawwi u fiha l-għerq fejn kienet imqabbda. U f'iex tfakkarni dil-ħaġra? Tfakkarni fi ġrajja tal-biża' u ta' tiġrib.

F'Settembru tas-sena 1929 saret ġlieda oħra, akbar minn ta' qabel, bejn il-Għarab u l-Lhud. Minn l-iskola tal-Biedja, qalb ir-raba, fejn kont dak iż-żmien, kull lejla konna naraw xi raħal tal-Lhud jinħaraq. Konna hemmhekk weħedna, nistennew minn lejl għal ieħor li jiġu l-Għarab mill-bgħid, jaħsbuna Lhud u jaħbtu għalina.

Il-agħar kien meta l-Għarab ħabtu għal raħal tal-Lhud jismu Kafr-Urja li kien ma' ġenbna sewwa. L-iskola hi fuq għolja żgħira u fix-Xmiel tagħha hemm wied igħidulu Wadi Surik. Fix-xaqliba tal-għolja l-oħra, 'il hemm mill-wied, kienet Kafr-Urja. Darba f'xi l-għaxra ta' bil-lejl, meta kulħadd fl-iskola kien rieqed, ftit bgħid nisma' tiri ta' revolvrijiet u għajjat. Xrift inħares mit-tieqa: Kafr-Urja kienet ħuġġieġa waħda. Ilsna tan-nar jogħlew; xrar itir; duħħan jinbaram, tiela' sassema. Sparar, u għajjat ta' nies. Ma' kull tir li nisma' kont ngħid f'qalbi: "Min jaf b'dat-tir inqatelx xi bniedem?'' Żolt mit-tieqa u tlajt fuq il-bejt u bqajt hemm il-lejl kollu biex nagħti n-nafra jekk naħsel nara xi għajn ħażina.

Wara smajna lį f'ħejjet Alla f'Kafr-Urja ma kien miet ħadd, għax il-Lhud li kienu fiha laħqu ħarbu.

Żmien wara l-ġlieda birdet. U kif konna nduru darba waħda, morna naraw kif sefgħet Kafr-Urja. Kull imkien irmied u ġmied. Sodod u għamara mkissra, kotba mqattgħa, u qatigħ bolli ta' l-ittri imxerrdin fl-art. Il-Għarab kienu ħarqu jew kissru dak li ma ħadux. Il-ħamiem tal-Lhud kien għadu hemm, jittajjar. U l-kelba tagħhom, bajda bit-tbajja suwed, kienet għadha hemm ukoll. Għajjatnielha biex tiġi magħna, imma beżgħet, u ħarbet il-bgħid. Hemm ukoll rajt ħaġa lį stagħġibt biha u bqajt inżommha f'rasi s'issa: zkuk tas-siġar, nexfin qoxqox, imwaħħla fl-art, u magħhom marbut il-"barbed wire'', u għad li nexfin dak l-inxief kollu, mill-egħkiesi tagħhom kien ħiereġ għoqod ta' weraq żgħir.

Dak inhar minn hemm ġbart din il-ħaġra u għadha għandi sal-lum, u tibqa' **għandį minn jaf sa meta.**

Naqra bgħid mill-iskola tal-Biedja kien hemm raħal żgħir tal-Għarab, ismu Rafat. Id-djar tiegħu grieni mibnija bil-mazkan tal-wied u mkaħħla bil-ħamrija. Is-saqaf zkuk tas-siġar, fuqhom ħatab tal-ful u fuq dan tafal magħġun bit-tiben, magħmul koppla biex fix-xitwa l-ilma tax-xita jibqa' nieżel u ma jidlefx. Hemm kont ġej u sejjer għax ir-rġiel ta' hemm kienu kollha ħbieb tiegħi, u dejjem ikun hemm minnhom barra u noqgħod nitħaddet net safja bħal-oħra u ma fiha xejn. Saqsejtu kienx għamlilha xi duwa u qalli li le. Saqsejtu kienx mar l-isptar u qalli le wkoll. M'emmintx għal kollox. Għalhekk ftit wara, meta ltqajt ma' missieru saqsejtu kif kienet fieqet għajn ibnu. Qalli li għajr iż-żibġa l-ħamra ma kien għamillu xejn.

Issa jien ma nafx. Il-Ħaġġ ma ħux raġel li jgħid kelma b'oħra, għax jien nafu sewwa. Għalhekk rajtha ħaġa tal-għaġeb kif b'żibġa ħamra tperper



**Palestina. — L-iskola tal-Biedja, li minn fuq il-bejt tagħha Elsie qagħad jara lil Kafr-Urja tinħaraq, u jisma' l-għajjat tal-Għarab u t-tiri tar-revolvrijiet, fil-ħabta tal-Għarab għal-Lhud f'Settembru 1929. Ritratt meħud mill-kittieb.**

magħhom, bil-qiegħda fuq il-blat.

Fosthom kien hemm raġel jgħidulu l-Ħaġġ. Darba kellu miegħu lil ibnu, tifel ta' xi għaxar snin. It-tifel kellu żibġa ħamra mdendla b'ħajta mat-tarbux, tperper quddiem għajnejh.

"Għalfejn dik iż-żibġa?" saqsejt lil missieru. "Biex tfieqlu għajnu, għax tuġgħu," weġibni. U tassew: f'għajn il-leminija tas-sabi kien hemm żewġ panniet; bħal bżieżaq bojod, żgħar.

"Ara b'iex jemmnu, jaħasra!" għedt f'qalbi, u għaddiet.

Ftit jiem wara rġajt rajt is-sabi u ż-żibġa ma kenitx hemm. Għajjattlu. "Feqitlek għajnek?" saqsejtu. "Iwa", weġibni. U ta' bil-ħaqq: għajnu kie- imorru l-panni mill-għajnejn. Din iż-żibġa kont rajtha wkoll it-Transġordanja imma dak ma kellux panni. kellu għajnu ħamra biss. Riħ fil-għajnejn imur biż-żibġa u bla żibġa. Imma l-panni xorta oħra, u kif marru biż-żibġa l-ħamra ma nifhimhiex.

Għalhekk wara dabbart żibġa ħamra u żammejtha għandi biex dil-ħaġa ma ninsihiex.

* * *

Fi żmien dik il-ġlieda li għadni kemm semmejt, daħal il-Palestina bastiment ta' l-ajruplani. Kien il-"Glorious" jekk niftakar sewwa. L-ajruplani tiegħu nġiebu fil-mitjar ta' Ramle u minn hemm kienu jittajru u jiġb-

du bil-"machine-gun" fuq il-Għarab kull meta jarawhom sa jaħbtu għal xi mkien.

Darba wara nofs inhar, naraw ajruplan minn dawna nieżel ġewwa għalqa, ftit bgħid mill-iskola tagħna. Għalhekk id-direttur ta' l-iskola qabbad lil Aħmed Abu-Ħaġar, id-"driver" biex joħroġ it-trakk. Nirkbu fuqu erba' min-nies — żewġ qassisin u żagħżugħ mekkaniku, Taljani t-tlieta, u jien — u erħilu lil Aħmed isuq u jġerri u jtajjar it-trab. Kif wasalna saqsejna lill-"pilot" jekk stajniex ngħinuh f'xi ħaġa. Qalilna li f'Ramle kienu jafu bih u sa jibagħtulu l-meħtieġ minn hemm. Imma aħna qagħdna miegħu biex ma nħalluhx waħdu fil-barr.

Ġie ajruplan ieħor wara ħafna u tafa' ittra lill-"pilot". Dan wiċċu tbergħen għax kien qorob biex jidlam u flittra qalulu li kellu jgħaddi l-lejl hemmhekk. Għalhekk il-qassisin u Aħmed rikbu u l-mekkaniku magħhom, u saqu lejn l-iskola u jiena bqajt mal-"pilot" biex inwennsu ftit. Kienu marru jġibulna l-ikel u xi ħaġa fejn il-fizzjal jista' jistrieħ.

Wieħed mill-qassisin u Aħmed reġgħu ġew bit-trakk u ġebulna l-ikel. Għaddejna l-lejl bejn l-iġbla, ġewwa għalqa, f'wilġa mill-wileġ ta' Wied is-Sarar. F'xi t-tlieta ta' fil-għodu rajna fjamma ħadra tixgħel fis-sema li mliet bid-dija kull imkien.

Qajjimna l-"pilot". Tala' ġewwa l-ajruplan, ġieb pistola b'kanna ħoxna, daħħal fil-kanna skartoċċ kbir u ġibed għall-ajru. Fl-ajru iswed infetħet fjamma donnha xemx u l-iġbla u l-wied bil-mazkan u x-xewk u l-ħaxix li fih dehru ċari daqs kieku kien bi nhar.

Fjamma oħra, bajda min-naħa l-oħra u fjamma oħra min-naħa tagħna. Dehret ġejja karrozza mill-wilġa l-oħra tal-wied u waslu s-suldati biex isewwu l-ajruplan. Wara kaptan Philips, il-"pilot", tana ż-żewġ skrataċ b'tifkira; tal-faxx abjad lili u tal-faxx aħdar lill-qassis.

* * *

Issa baqa' insemmi s-sinna u biżżejjed.

Waħda mara mit-Transġordanja, minn raħal ismu Xatna, kienet ġiebet tifel ta' xi sitt snin f'din l-iskola ta' Rafat. Kien irqajjaq u wiċċu ħamrani. Għall-ewwel jumejn beka, imma mbagħad dara mieta ra li kulħadd iħobbu u jżiegħel bih. Ismu bil-Għarbi kien Neġib imma jiena għal ħeffa kont semmejtu Nonny.



**Palestina. — It-tifel iż-żgħir huwa Nonny issa mejjet, li jissemma fl-aħħar ta' din il-kitba. Iż-żagħżugħ hu Gamil Mexxini, mis-Salt, Transġordanja, li kien jaħdem fl-iskola wkoll.**

Lejla waħda fis-sajf konna bħal ma dari, barra ħdejn il-bieb ta' l-iskola taħt bozza kbira ta' l-elettriku. Don Ġwakkin Garbayo, qassis Spanjol,

kien igiħd l-istejjer u t-tfal uħud bilqiegħda jisimgħu u oħrajn jiġru u jilagħbu. Jiena kont nisma' wkoll u nħares lejn il-friefet u ż-żnażan u l-ġirati jduru mal-bozza, iridu jidħlu ġewwa fiha u ma jistgħux. Ġie ħdejja Nonny u qalli: "Mgħallmi, fi sinne titgangal."

"Tridx naqlagħhielek?" saqsejtu.

"Iwa", weġibni.

Għalhekk daħħalt żewġt iswaba f' ħalqu u għafast is-sinna 'l ġewwa. Imbagħad 'il barra, imbagħad ġbidtha u nqalgħet kemm ili ngħid. "Hawn hi!" għedt lil Nonny kif urejtu s-sinna. Ħsibt li kien sejjer jibki imma ma bekiex. Beżaq il-ftit tad-demm li ħareġ minn ħalqu u ħares lejja jidħak. "Bravu Nonny! Ma bkejtx. Bravu ta' bilħaqq!" għedtlu jien.

Kemm feraħ Nonny dik il-lejla għax faħħartu quddiem sħabu u quddiem ilqassis! Kemm jifirħu meta xi ħadd ifaħħarhom it-tfal iż-żgħar!

Dik is-sinna li qlajt lil Nonny żammejtha tifkira u għadha għandi fil-Mużew; imma Nonny, jaħasra, ma għadux fid-dinja. Nonny miet l-iskola, xi ħames snin wara li tlaqt minn hemm jien. Jiġifieri kellu ftit fuq il-ħdax-il sena.

Fuq naqra ta' għoqba ħawlija, jgħidulha l-Ħardona, ġewwa ħofra, hemm il-fdal ta' ġisem ta' tifel li minnu kienet tagħmel sehem din is-sinna, bajda u żgħira, li għandi fil-kaxxa. Fuq il-qabar tiegħu ma jfewwaħx ward u susan, imma jniggeż xewk u sagħtar. Ma jittajrux ħamiem u għasafar, imma jitkaxkru wiżagħ u sriep. Ma hemmx kitba biex tagħrraf ismu, imma dawra mazkan kemm turi li hemm qabar.

Imma, Nonny, Nonny, int ma intix minsi għal kollox. Fid-dinja għad baqa' min iħobbok. Kieku tista' tqum ftit minn dak il-qabar! Kieku tista' tħares ftit lejn dak il-faxx iżraq li jidher kemm-kemm in-naħa ta' fejn tgħib ix-xemx, mill-għolja ta' fejn int qiegħed! Hemm, il-bgħid il-bgħid f'nofs dak il-baħar hemm gżira isimha Malta; u f'din il-gżira hemm raġel xiħ, xagħru abjad, bla snien u wiċċu mkemmex, imma qalbu tagħder. Qiegħed quddiem mejda, għajnejh imdemmgħa, jaħseb fik u jikteb fuqek. U quddiemu għandu l-itratt tiegħek u naqra ta' sinna li ġibidlek minn ħalqek huwa, tmienja u għoxrin sena ilu.

* * *

Dawn huma l-ħsebijiet u ħjelijiet li jġibuli quddiem għajnejja meta nkun waħdi u naqbad narahom, dawn l-intietef li għandi f'dan in-naqra ta' Mużew.

ELSIE

---

## IX-XMARA TAL-ĠURDAN

Ix-xmara tal-Ġurdan imnissla mit-tidwib tas-silġ li hemm is-sena kollha fuq Ġebel ix-Xiħ, jew Monti Hermon. L-ilma ta' das-silġ jidħol fil-blat imbagħad joħroġ fi tliet għejjun, l-akbar minnhom hi l-għajn ta' Banija, li qegħda 329 metru ogħla mill-baħar Mediterran.

Il-Ġurdan igħaddi mill-għadira l-Hule u mbagħad mill-Baħar ta' Tabrija, li joħroġ minnu f'naħa baxxa 212-il metru aktar minn wiċċ il-Mediterran. Il-Ġurdan minn hemm 'l isfel, jinżel b'saħħa kbira, u jagħmel ħafna dawrien, li b'hekk it-tul tiegħu jsir qrib tliet darbiet aktar milli kieku jimxi dritt. Fl-aħħar jixteħet fil-Baħar Mejjet, li hu 392 metru taħt wiċċ il-baħar Mediterran. Jingħad li l-ilma li l-Ġurdan jixħet fil-Baħar Mejjet, hu sitt miljuni metri kubi ilma kuljum.